

Brussell, 29 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5677/21

CDR 9

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u membru supplenti, proposti
mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**li taħtar membru u membru supplenti,
proposti mir-Rumanija,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Rumun,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta, rispettivamente, id-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157¹, 2020/102², 2020/144³ u 2020/511⁴ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766⁵ li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1153⁶ li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Alin - Adrian NICA, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,
- (3) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Gheorghe DĂMIAN bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 ta' 10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 ta' 20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 ta' 3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 ta' 26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 ta' 8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 ta' 30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Gheorghe DĂMIAN, *Mayor of Ciugud, Alba County,*

u

(b) bħala membru supplenti:

- Is-Sinjura Cosmina-Ramona PANDELE, *Mayor of Berceni commune, Prahova County.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
